MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2010

Numru 193/2007

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY CASSAR**
**VS**
**JOSIANNE NICOLOSI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Josianne Nicolosi ta' 27 sena, bint Giuseppe Nicolosi u Rita nee' Spagnol, imwielda H'Attard fl-24 ta' April, 1979, residenti fl-indirizz numru 16, Triq il-Maqsab, Marsaskala u detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 243379(M);

Illi hija akkuzata talli f'Marsaskala, nhar is-Sibt 3 ta' Marzu 2007, ghall-habta ta' xi l-hamsa u kwart ta' fil-ghaxija:

1. Ikkommettiet serq ta' hamest elef dollaru Amerikan fi flus kontanti, kif ukoll il-passaport bin-numru 249070 ghad-dannu ta' certu Taha H.M. Elburshni ta' nazzjonalita' Libjana, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u l-persuna;

2. Xjentement laqghet ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahlet sabiex tbieghhom jew tmexxihom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.96) fuq liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputata;

Rat il-verbal datat 21 ta’ Frar 2008 (a fol.79) fejn l-imputata ma kelliex oggezzjoni li tigi gudikata minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe mix-xhieda ta’ l-Ispettur Anthony Cassar jirrizulta li, in segwitu ta’ dizgwit domestiku, l-imputata kienet ordnat lill-kwerelant taghha (Taha H.M. Elburshni) ‘il barra minn dar taghha u dan telaq bil-bagalji u l-hwejjeg tieghu personali. Spettur Cassar informa lil Qorti li ftit wara dan Taha H.M. Elburshni beda jallega illi kien sab somma ta’ elfejn (2,000) Dollaru Amerikan neqsin, flimkien mal-passaport Libjan tieghu. Il-Pulizija kienu kellmu lill-imputata li baqghet issostni illi hija ma messet ebda flus ta’ Elburshni, anzi kienet taghtu ghaxar Liri Maltin (Lm10) li kien talabha. Hija kompliet tghid lill-Pulizija illi hija qatt ma kienet rat il-passaport ta’ l-istess Taha H.M. Elburshni u li kull ma kienet rat hi kienet fotokopja ta’ dan il-passaport u hadet fotokopja fuq din il-fotokopja, l-ewwel darba illi Elburshni aggrediha fizikament. L-Ispettur Cassar xehed illi huwa kien kellem ukoll lil Elburshni, fid-dawl ta’ dana

kollu u hu kien cahad li huwa kien talab il-flus lill-imputata, jew li qatt talabha l-*cashlink card* taghha, kif ukoll innega illi huwa qatt refa jdejh fuqha.

Spettur Cassar (a fol.11) spjega pero' li tali Elburshni, pero', kien tressaq quddiem il-Magistrat Saviour Demicoli **fejn ammetta l-akkuzi ta' swat fuq l-imputata Nicolosi.** A fol.12, l-Ufficjal Prosekutur xehed illi mill-indagni illi ghamel sab illi Elburshni **qatt ma rrizulta li kellu xi passaport jew xi VISA waqt li kien hawn Malta.** Illi, di piu, Elburshni **kien instab hati illi baghbas passaport u li kellu passaport falz kif jidher minn process (Dok.MDF) anness ma' dawn l-atti.**

L-Istqarrija ta' Josianne Nicolosi giet ezebita bhala Dok.AC, fliema stqarrija Nicolosi cahdet l-allegazzjonijiet maghmula minn Elburshni u xehedet kemm kienet mahqura minnu u li hija kienet biss rat fotokopja tal-passaport tieghu. L-imputata kkonfermat illi mhux talli ma serqitlux flus izda kienet hi li tmantnih u thallaslu kollox.

PS 1262 Spiridione Zammit ikkonferma li Nicolosi kienet cemplet ghall-assistenza tal-Pulizija il-ghaliex Elburshni qed jheddidha li ser joqtolha u li sussegwentement, dan ghamel rapport l-ghassa tal-Pulizija, illi hu kien ghix xi ghaxart (10) ijiem ghand l-imputata, li kien mar jixtri u sab hwejjgu kollha barra r-residenza ta' l-imputata u hamest elef (5,000) Dollari Amerikani u l-passaport tieghu neqsin. Zammit ezebixxa l-okkorrenza Dok.PS. **Surgent Zammit ikkonferma li huma wettqu tfittxija intensiva fid-dar ta' Nicolosi u ma sabu xejn.**

Elburshni kkonferma r-rapport tieghu. Ikkonferma illi kien ghamel xi zmien jghix ghand Nicolosi, li kellu hamest elef (5,000) Dollari Amerikani u l-passaport tieghu bil-bagalji tieghu u accerta lil Qorti illi huwa dahal Malta permezz tal-passaport tieghu.

Taha H.M. Elburshni qal li dawn il-flus kien akkwistahom minn qasma ta' ghalqa, propjeta' tal-familja tieghu l-Libja. Meta Nicolosi qalet lil Elburshni biex jitlaq mid-dar taghha, huwa xehed illi ghal bidu haseb li ghall-ewwel Nicolosi

kienet qed ticcajta, izda imbaghad meta ra l-hwejjeg tieghu personali fil-bagalji barra, Elburshni rrabja, habbat il-bieb, ghall-ewwel Josianne Nicolosi ma fethitlux, pero' imbaghad meta fethet, Elburshni imbotta 'l bieb fuqha u taha daqqa ta' ponn. Minn hemmhekk, Nicolosi cemplet lill-Pulizija. A fol.29, Elburshni ammetta illi huwa ghamel ir-rapport dwar is-serq ta' hamest elef (5,000) Dollari Amerikani **wara** li l-Pulizija bdew jinvestigawh fuq is-swat ta' Nicolosi. Taha H.M. Elburshni kkonferma illi l-bagalji tieghu ma kienux jissakru u cahad illi qatt talab lill-imputata ghoxrin Lira Maltin (Lm20) jew il-*cashlink card* taghha. Elburshni xehed illi huwa ma kellux problemi ta' flus waqt li kien Malta. Mistoqsi ghalfejn, allura, kellu ibiegh *suit*, Taha H.M. Elburshni jghid illi huwa ma zammx flus tas-*suit* u illi dawk il-flus kien tahom lil Josianne Nicolosi ghaliex din is-*suit* kienet tigih kbira hafna. Elburshni xehed illi huwa xtaq jitlaq minn rajh minghand Nicolosi u jmur jghix Ghawdex ghand habib tieghu Walid Musuri. Jinnega illi huwa qal lil Nicolosi li kien sab elfejn (2,000) Dollari Amerikani neqsin, izda mar jirraporta lil Pulizija illi sab **hamest elef** (5,000) Dollari Amerikani neqsin.

**Spettur Edel Mary Camilleri kkonfermat illi l-kwerelant Taha H.M. Elburshni kien tressaq il-Qorti u nstab hati ta' pussess ta' passaport falz kif jidher minn Dok.EMC1, Dok.EMC2 u Dok.EMC3.**

L-imputat tat ix-xhieda taghha (a fol.112) u tat spjegazzjoni fid-dettal tar-relazzjoni li kellha Taha H.M. Elburshni fis-sens li kienet thassret lill-kwerelant u dahlitu fid-dar taghha u kif dan spicca jghix minn fuq darha u jippretendi illi hi thallaslu l-kontijiet tieghu u li, kif bdiet tiqaflu, refa jdejh fuqha u hi talbitu jitlaq mid-dar taghha. Ikkonfermat l-iswat li qalghat minn taht idejn Elburshni u li kellha tghajjat ghall-assistenza tal-Pulizija. Illi, in segwitu ta' dan, huwa kien ghamel rapport illi hija serqitu.

Social Worker Eleonora Shlach (a fol.119) ikkonfermat il-verzjoni ta' l-imputata u kkonfermat illi l-imputata kienet cemplitilha ghall-ghajjut, wara li Taha H.M. Elburshni kien

taha xeba u li hija kienet iggwidat lill-imputata biex isejjah ghall-assistenza tal-Pulizija.

Social Worker Tiziana Ferrel ikkonfermat ukoll il-verzjoni ta’ Josianne Nicolosi.

Dr. Stefano Filletti ezebixxa r-relazzjoni tieghu (Dok.SF) a fol.152, li fiha tikkontjeni x-xhieda tal- Psikologa tat-tfal, Marcelle Muscat.

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda fuq indikata, jirrizulta b’mod ampju, illi wara l-azzjonijiet karitattevoli li ghamlet mieghu l-imputata, l-kwerelant Taha H.M. Elburshni patta din il-generosita’ bi swat u b’denunzja inveritiera lil Pulizija fuq l-imputata, fis-sens li hija kienet serqitlu l-passaport u hamest elef (5,000) Dollari Amerikani.

Il-provi juru b’mod car u kostanti illi Taha H.M. Elburshni gie mgiddeb bil-provi, fis-sens li, minkejja li mal-Pulizija cahad illi refa jdejh fuq Nicolosi, dan spicca biex ammetta quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif diversament preseduta, fuq dan is-swat, u li gie sentenzjat.

In oltre’, ghal rigward tal-passaport, wara li kien iddenunzja lill-imputata lil Pulizija dwar serq tal-passaport u wara li kkonferma dana kollu bil-gurament tieghu quddiem din il-Qorti, l-kwerelant (Taha H.M. Elburshni) spicca biex ammetta l-pussess ta’ passaport falz quddiem il-Qrati ta’ Malta u gie wkoll sentenzjat. (ara xhieda ta’ Spettur ta’ l-Immigrazzjoni Edel Mary Camilleri)

Il-fatt illi Taha H.M. Elburshni ghamel ir-rapport tas-serq ta’ flus u passaport **biss wara li gie investigat dwar is-swat fuq l-imputata Nicolosi**, jitkellem wahdu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputata Josianne Nicolosi mhux hatja skond l-akkuza u tilliberah minn kull akkuza migjuba kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------